MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 942/2004

**Korporazzjoni Telemalta.**

**-vs-**

**Susan Chaki nee` Tranchino.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti esponiet bir-rispett;

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru. 1659/96 NA) giet deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru 1996, u fl-istess kawza l-konvenuta giet kkundannata thallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' Lm 1399.39 (elf tlett mija u disa' u disghin lira Maltin u disa' u tletin), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 343219, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-Socjeta Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut halset biss is-somma ta’ Lm478.25 (erba’ mija tmienja u sebghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu), u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa ta’ Lm 921.14 (disa’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u erbatax-il centezmu), oltre Lm 166.58 (mija u sitta u sittin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll Lm 583.38 (hames mija tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-15 ta’ Settembru, 2004, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm 1671.10 (elf sitt mija u wiehed u sebghin lira Maltin u ghaxar centezmi), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat d-dokument anness mieghu.

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimata li naqset li tipprezenta nota responsiva u hekk baqghet kontumaci.

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

**Fil-kontumacja tal-intimata tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------